**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1002/2024 MS*

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs.**

**Cormac Peadar O'Scanaill u Joanne O'Scanaill**

Illum, 17 ta' Frar, 2025

Kawża Numru: 21

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-Bank attur fis-16 ta' Settembru 2024 li bih wara li ġie premess kif ġej:

> Illi in forza ta' kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Dottor Tania Farrugia tal-15 ta' Diċembru 2004, il-Bank attur ikkonċeda faċilita' bankarja ta' self lill-konvenuti fl-ammont kumplessiv ta' tletin elf, seba' mija u ħamsin Lira Maltija (Lm30,750), ekwivalenti għal wieħed u sebgħin elf, sitt mija u tmienja u għoxrin ewro u tlieta u għoxrin centeżmu (€71,628.23) u dan abbazi ta' Sanction Letter maħruġa fl-10 ta' Settembru 2004, kif emendata fit-28 ta' Settembru 2004

u fis-27 ta' Ottubru 2004. Kopja tal-kuntratt ta' self u tas-Sanction Letter bl- emendi relattivi qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati rispettivament bħala Dok. A u Dok B;

Illi in forza ta' kuntratt ieħor ta' self fl-atti tan-Nutar Dottor Elaine Farrugia tal- 20 ta' Ġunju 2013, il-Bank attur ikkonċeda facilita' bankarja oħra ta' self lill- konvenuti fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf Ewro (€45,000), u dan abbazi ta' Sanction Letter maħruġa fid-19 ta' Frar 2013, kif emendata fl-20 ta' Marzu 2013 u fit-3 ta' April 2013. Kopja tal-kuntratt ta' self u tas-Sanction Letter bl-emendi relattivi qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati rispettivament bħala Dok. C u Dok D;

Illi l-konvenuti, minkejja l-obbligi assunti minnhom u stipulati fl-imsemmija żewg kuntratti u fis-Sanction Letters relattivi ghall-istess, ma baqgħux jagħmlu l-pagamenti mensili dovuti lill-Bank attur kif miftehma u għaldaqstant huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet kemm tal-istess Sanction Letters kif ukoll tal-kuntratti ta' self relattivi;

Illi l-konvenuti illum huma għalhekk debituri tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' mija u ħamest elef, sitt mija u sitta u tmenin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€105,686.53) dovuta kif hawn taħt spjegat:

i. Fuq l-ewwel self, li kien maqsum fi tnejn kif jidher mis-Sanction Letter relattiva, l-ammont ta' :

a. hamsa u tletin elf, tlett mija u sitta u tletin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€35,336.89) dovut in kwantu għal ħamsa u tletin elf, mitejn u erbgħa u sebgħin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€35,274.18) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti tnejn u sittin ewro u wieħed u sebgħin centeżmu (€62.71) bħala imgħax ikkalkulat sat-18 ta' Ġunju 2024 kif jirriżulta mill-anness statement tal-kont in kwistjoni bin-numru 73728954 immarkat bħala Dok. E, oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta' Ġunju 2024 sad-data tal-pagament effettiv;

b. sitt elef, ħames mija u tmienja u ħamsin ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€6,558.61) dovut in kwantu għal sitt elef, mitejn u tmin ewro u tminax-il ċenteżmu (€6,208.18) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti tlett mija u ħamsin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€350.43) bħala imgħax ikkalkulat sat-18 ta' Ġunju 2024 kif jirriżulta mill-anness statement tal-kont in kwistjoni bin-numru 13728954 immarkat bħala Dok. F, mil-liema kont kienu anki jsiru pagamenti versu l-kont l-ieħor fuq imsemmi bin-numru

73728954, u dan oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta' Ġunju 2024 sad-data tal- pagament effettiv;

ii Fuq it-tieni self, l-ammont ta' tlieta u sittin elf, seba' mija u wieħed u disgħin ewro u tlett centeżmi (€63,791.03), dovut in kwantu għal tmienja u ħamsin elf, mitejn u sitta u sittin ewro u tmienja u disgħin centeżmu (€58,266.98) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti ħamest elef, ħames mija u erbgħa u għoxrin ewro u ħames ċenteżmi (€5,524.05) bħala imgħax ikkalkulat sat-18 ta' Ġunju 2024 kif jirriżulta mill-anness statement tal-kont in kwistjoni bin-numru 18082095 immarkat bħala Dok. G, oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta' Ġunju 2024 sad-data tal-pagament effettiv;

Illi l-konvenuti, għalkemm interpellati biex iħallsu l-arretrati dovuti minnhom fuq il-kontijiet kollha, anki permezz ta' ittra uffiċjali datata d-29 ta' Jannar 2024 li ġġib in-numru 306/2024 (Dok. H), baqgħu inadempjenti;

il-Bank attur għadda biex talab lill-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:

(i) Tiddikjara illi l-konvenuti O'Scanaill huma debituri solidali tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' mija u ħamest elef, sitt mija u sitta u tmenin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€105,686.53) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta' Ġunju 2024 sad-data tal-pagament effettiv;

(ii) Tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu, in solidum bejniethom, lill-Bank attur is-somma komplessiva ta' mija u ħamest elef, sitt mija u sitta u tmenin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€105,686.53), dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta' Ġunju 2024 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali bin-numru 306/2024 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi preżentat kontestwalment ma' din il-kawża kontra l-konvenuti, li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

2. Rat id-dokumenti mehmuża mar-rikors ġramentat;

3. Rat illi b'noti separati preżentati waqt l-udjenza tat-3 ta' Frar 2025, il-konvenuti entrambi ammettew it-talbiet tal-Bank attur;

4. Rat li l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza għall-udjenza tal-lum.

5. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda, fid-dawl tal-ammissjonijiet tal-konvenuti, taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(i) tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenuti O'Scanaill huma debituri solidali tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' mija u ħamest elef, sitt mija u sitta u tmenin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€105,686.53) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta' Ġunju 2024 sad-data tal-pagament effettiv;

(ii) tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu, in solidum bejniethom, lill-Bank attur is-somma komplessiva ta' mija u ħamest elef, sitt mija u sitta u tmenin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€105,686.53), dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta' Ġunju 2024 sad-data tal-pagament effettiv;

(iii) tikkundanna lill-konvenuti sabiex, ukoll solidalment bejniethom, iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża kif ukoll tal-ittra uffiċċjali bin-numru 306/2024 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi preżentat kontestwalment ma' din il-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur